MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2010

Numru. 613/2010

Il-Pulizija
(Sp Jesmond Borg)
vs
Mikiel-Anglu mamo, iben Emanuel, imwieled l-Isla fit-23 ta' April, 1972, Karta ta' l-Identita numru 183772(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fil-lejl ta' bejn l-14 u il-15 ta' Ġunju, 2010 u fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin, f'ħinijiet differenti fil-Gżejjer maltin, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u liema atii ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
a. talli fil-lejl ta' bejn l-14 u il-15 ta' Ġunju, 2010, mill-iskkola primarja Santu Rokku, Triq Santu Rokku, Birgu, flimkien ma persuni oħra, ikkometta serq ta' 'synthetiser' tad-ditta Roland, mudell E25, bin-numru tas-serje Z-061315, liema 'synthetiser' jiswa €803.63, għad-dannu tal-

Gvern ta' Malta u liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-ħin;

b. talli fil-lejl ta' bejn l-14 u il-15 ta' Ġunju, 2010, mill-iskkola primarja Santu Rokku, Triq Santu Rokku, Birgu, flimkien ma persuni oħra, ikkawża ħsara volontarja ġewwa l-istess skola, liema ħsara teċċedi l-€23.29 għad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

c. talli fil-lejl ta' bejn l-14 u il-15 ta' Ġunju, 2010, mill-uffiċċju Parrokjali tal-Knisja tal-karmnu, li jinsab f'Wesgħet Reggie Miller, ġewwa l-Fgura, ikkometta serq ta' flus għad-dannu tal-Patrijiet Karmelitani tal-Fgura, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-lok u bil-ħin;

d. talli fil-lejl ta' bejn l-14 u il-15 ta' Ġunju, 2010, mill-uffiċċju Parrokjali tal-Knisja tal-karmnu, li jinsab f'Wesgħet Reggie Miller, ġewwa l-Fgura, ikkawża ħsarat volontarji ġewwa l-istess kunvent, liema ħsara tammonta għal madwar €160, għad-dannu tal-Patrijiet Karmelitani tal-Fgura;

e. talli fil-lejl ta' bejn l-14 u il-15 ta' Ġunju, 2010 ġewwa l-iskola Primarja 'A', fi Triq il-Kbira, Fgura, flimkien ma persuni oħra, bil-ħsieb li jagħmlu delitt u cioe' dak ta' serq mill-istess skola, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipenddenti mill-volonta' tagħhom, u li kieku seħħ dan id-delitt kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-ħin;

f. talli fil-lejl ta' bejn is-6 u is-7 ta' Ġunju, 2010, mill-kulleġġ St. Edward's, Triq Sant' Edwardu, l-Birgu, flimkien ma persuni oħra, ikkometta serq ta' TFT monitor ta' l-għamla Hansol, żewġ data projectors ta' l-għamla Acer, tower tal-computer ta' ditta mhux magħrufa, data projector tat-tip infocus, żewġ IP security cameras, 100 CD (hard disk drives), network wiring tester, mobile tad-ditta Samsung, li jiswa €150, graphic scientific calculator tad-ditta Casio, li jiswa €100, madwar €500 f'juices differenti, calculator tad-ditta Casio, li jiswa €30 u €161 fi flus kontanti għad-dannu tal-Kulleġġ St. Edward's liema serq hu kkwalifkat bil-mezz, bil-valur, bil-lok u bil-ħin;

g. talli fil-lejl ta' bejn is-6 u is-7 ta' Ġunju, 2010, mill-kulleġġ St. Edward's, Triq Sant' Edwardu, l-Birgu, flimkien ma persuni oħra, ikkawża ħsarat volontarji ġewwa l-istess

kulleġġ, liema ħsara teċċedi l-€23.29 għad-ddannu tal-kulleġġ St. Edward's;
h. talli fil-lejl ta' bejn it-28 u id-29 ta' Mejju, 2010, minn vettura ta' l-għamla Maruti Omni, bin-numru tar-reġistrazzjoni FBO 439, li kienet ipparkjata fi Triq il-Kampanella, Fgura, ikkometta serq ta' qasba tas-sajd, ta' ditta mhux magħrufa, li jiswa €150, ammont ta' għodod li jiswew €50, ktieb ta' l-irċevuti tal-VRT, u il-logbook ta' l-istess vettura għad-dannu ta' John Piscopo mill-Fgura, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
i. talli fl-istess data, ħin u lok ikkawża ħsarat volontarji fuq il-vettura ta' l-għamla Maruti Omni, bin-numru tar-reġistrazzjoni FBO 439, li kienet ipparkajata fi Triq il-Kampanella, Fgura, liema ħsara teċċedi €23.29 iżda mhux iżjed minn €116.47 għad-dannu ta' John Piscopc mill-Fgura;
j. talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanżi, xjentement, f'Malta, laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, u xjentement, b'kull mod, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
k. talli sar reċidiv skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali b'diversi sentenżi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat li jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.
Il-Qorti ġiet mitluba li barra li tagħti l-piena stabilita bil-liġi, tapplika l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigrta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Ġunju, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-għaxar akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 18, 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(ċ)(e)(f)(g), 263, 267, 269(g), 271(g), 278(1)(2)(3) u 325(1)(ċ)(d) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' erba' snin priġunerija. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok

għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti u lanqas ma hemm lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali minħabba ċ-ċirkostanżi ta’ dan il-każ. Fl-aħħar nett, hu ċar li l-imputat għandu bżonn ta’ għajnuna serja u għahekk tirrakomanda lid-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta’ Corradino li jestendi kull għajnuna possibbli biex jegħleb il-problemi tiegħu ta’ dipendenza minn fuq id-droga.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------